

Brussell, 19 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

14274/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0264(NLE)**

---

UD 300

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Novembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 596 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 596 final.

Mehmuż: COM(2019) 596 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.11.2019  
COM(2019) 596 final

2019/0264 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ċertu prodotti jeħtieġu kwoti tariffarji awtonomi meta l-produzzjoni fl-Unjoni Ewropea ma tkunx biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-industriji li jużawhom. Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni jinfetħu b'rati ta' dazju żero jew imnaqqa għall-volumi x-xierqa, mingħajr ma jfixxlu s-swieq ta' dawn il-prodotti.

Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, biex id-domanda tal-Unjoni għall-prodotti ikkonċernati tkun tista' tiġi ssodisfata bl-iżjed kundizzjonijiet favorevoli.

Ir-Regolament jiġi aġġornat kull sitt xhur biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, meġġuna mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, eżaminat it-talbiet kollha tal-Istati Membri għal dazji tal-kwoti tariffarji awtonomi.

Wara din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-ftuħ tal-kwoti tariffarji awtonomi huwa ġġustifikat għal xi prodotti ġodda li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013. Għal xi prodotti oħrajn, jeħtieġ li jinbidel il-kliem tad-deskrizzjoni, li jiġu assenjati kodiċijiet tat-TARIC ġodda, jew jeħtieġ li jiżded il-volum tal-kwota inizjali, inkluż b'mod retroattiv. Meta l-kwota tariffarja ta' ċerti prodotti ma tibqax fl-interess ekonomiku tal-Unjoni, jenħtieġ li dawn il-prodotti jiġu rtirati.

Għal raġunijiet ta' ċarezza, ikun aħjar jekk tiġi ppublikata verżjoni kkonsolidata tal-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 li se tissostitwixxi għal kolli l-Anness preċedenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta ma taffettwax lill-pajjiżi li għandhom ftehim ta' kummerċ preferenzjali mal-Unjoni, u lanqas lill-pajjiżi kandidati jew lill-kandidati potenzjali għal ftehimiet preferenzjali mal-Unjoni (eż. is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi; ir-reġim ta' kummerċ tal-grupp tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku; il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles).

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta tikkonforma mal-politiki tal-Unjoni dwar l-agrikoltura, il-kummerċ, l-intrapriżi, l-iżvilupp, l-ambjent u r-relazzjonijiet esterni.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-miżuri previsti jikkonformaw mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi<sup>1</sup>. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi li jridu jintlaħqu skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 31 tat-TFUE, “Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni”. Għalhekk, l-istrument xieraq huwa regolament tal-Kunsill.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-iskema tal-kwoti tariffarji awtonomi kienet parti minn studju ta’ evalwazzjoni li sar fl-2013 dwar is-sospensjonijiet tariffarji awtonomi<sup>2</sup>.

Dan għaliex iż-żewġ miżuri huma simili, ħliet għall-fatt li l-kwoti tariffarji jillimitaw il-volumi tal-importazzjonijiet. L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-raġuni fundamentali għall-iskema għadha valida. L-iffrankar tal-ispejjeż għan-negozji tal-Unjoni li jimpurtaw oġġetti skont l-iskema jista’ jkun sinifikanti. Barra minn hekk, skont il-prodott, il-kumpanija u s-settur, dan l-iffrankar jista’ jwassal għal benefiċċji usa’, bħall-ixprunar tal-kompetittività, it-titjib fl-effiċjenza tal-metodi ta’ produzzjoni u l-ħolqien jew iż-żamma tal-impjiegi fl-Unjoni. Id-dettalji tal-iffrankar ta’ dan ir-regolament jinsabu fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta’ Ekonomija Tariffarja, li jikkonsisti minn delegazzjonijiet mill-Istati Membri kollha u mit-Turkija, għen lill-Kummissjoni biex tivvaluta din il-proposta. Il-grupp iltaqa’ tliet darbiet qabel ma ntlaħaq qbil dwar it-tibdil f’din il-proposta.

Kull talba (għida, jew għal emenda) ġiet ivvalutata bir-reqqa. B’mod partikolari eżamina kull każ biex jiżgura li ma kinitx qed tikkawża xi ħsara lill-produtturi tal-Unjoni u li kienet qed issaħħaħ u tikkonsolida l-kompetittività tal-produtturi tal-Unjoni. Il-membri tal-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta’ Ekonomija Tariffarja wettqu l-valutazzjoni permezz ta’ diskussjonijiet, u l-Istati Membri kkonsultaw lill-industriji, lill-assoċjazzjonijiet, lill-kmamar tal-kummerċ rilevanti u lil partijiet ikkonċernati oħra involuti.

Il-kwoti tariffarji kollha elenkati kienu s-suġġett ta’ ftehimiet jew ta’ compromessi milħuqa fid-diskussjonijiet li saru fil-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta’ Ekonomija Tariffarja. Ma ssemma l-ebda riskju potenzjalment serju b’konsegwenzi irreversibbli.

---

<sup>1</sup> ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/taxation\\_customs/common/publications/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/publications/studies/index_en.htm)

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-emenda proposta hija ta' natura purament teknika u tikkonċerna biss il-kopertura tal-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1388/2013. Għaldaqstant ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq id-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġbura jammontaw għal madwar EUR 16,5 miljun fis-sena. L-effett fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 13,2 miljun fis-sena (jiġifieri 80 % tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf tad-dħul fir-riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkumpensat bl-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri abbażi tal-kontribuzzjonijiet għar-riżorsi.

#### **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-miżuri proposti huma ġestiti fil-qafas tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC) u applikati mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-provvista suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex qegħdin jilhq u d-domanda fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kull tfixkil fis-suq għal dawk il-prodotti, infetħu kwoti tariffarji awtonomi bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013<sup>1</sup>. Fil-qafas ta' dawn il-kwoti tariffarji, il-prodotti jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati ta' dazju mnaqqsa jew zero.
- (2) Peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti industrijali u wara li tqies il-fatt li prodotti identiċi, ekwivalenti jew sostituti mhumiex jilhq u d-domanda fl-Unjoni, jeħtieġ li jinfeħu kwoti tariffarji għodda bin-numri tal-ordni 09.2586 sa 09.2593 b'rati tad-dazju zero għal kwantitajiet xierqa ta' dawk il-prodotti.
- (3) Jenħtieġ li jiżdiedu l-volumi tal-kwota fil-każ tal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.2594, 09.2595, 09.2596, 09.2597, 09.2598, 09.2599, 09.2738, 09.2742 u 09.2872, billi din iż-żieda hija fl-interess tal-Unjoni.
- (4) Barra minn hekk, fil-każ ta' kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2738, ir-referenza għal "landa" fid-deskrizzjoni tal-prodott għandha tiġi sostitwita b'"żingu". Fil-każ ta' kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.2595, 09.2596, 09.2597, 09.2598 u 09.2599, il-perjodu tal-kwota għandu jittawwal minn sitt xhur għal sena.
- (5) Peress li l-ambitu tal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2652 ma għadux adegwat biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-prodott kopert minn din il-kwota tiġi emendata.
- (6) Il-prodotti koperti mill-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2740 huma klassifikabbli taħt il-kodiċi TARIC 2309 90 31 87 u mhux taħt il-kodiċi TARIC 2309 90 96 97. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi mmodifikata l-indikazzjoni tal-kodiċi NM applikabbli u s-subintestatura TARIC għal dawk il-prodotti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 7/2010 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 319).

- (7) Peress li ma għadux fl-interess tal-Unjoni li żżomm il-kwoti tariffarji bin-numru tal-ordni 09.2690, 09.2850, 09.2878, 09.2906, 09.2909, 09.2929 u 09.2932, jenħtieġ li dawn jingħalqu.
- (8) Għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2828, huwa fl-interess tal-Unjoni li tapplika l-kwota biss matul ix-xhur bl-ogħla domanda għall-prodotti kkonċernati (jiġifieri mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottubru) u li l-volum jitnaqqas bin-nofs.
- (9) Il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2722 ġiet applikata simultanjament ma' sospensjoni tad-dazji tariffarji skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013<sup>2</sup> bejn l-1 ta' Lulju 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019. Billi s-sospensjoni se tingħalaq fl-1 ta' Jannar 2020, huwa fl-interess tal-Unjoni li jiżdied il-volum tal-kwota.
- (10) Is-sustanzi sulfat tad-Dimentil (CAS RN 77–78–1), 2-Metilanilina (CAS RN 95–53–4) u 4,4' -Metanedildianilina (CAS RN 101–77–9) huma inklużi fil-lista tal-kandidati msemmija fl-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u s-sustanza bir-referenza CAS RN 101–77–9 hija inkluża fl-Anness XIV ta' dak ir-Regolament. Għal dik ir-raġuni, il-kwoti tariffarji eżistenti għal tali prodotti se jingħalqu progressivament u l-kwoti tariffarji li għadhom kif infetħu se japplikaw għal perjodu limitat. Għalhekk, il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.2648 u 09.2730 għandhom japplikaw biss għall-ewwel 6 xhur tal-2020 u l-volumi tal-kwota rilevanti jenħtieġ li jitnaqqsu b'mod proporzjonali. Il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2590 għandha tinfetaħ biss għall-ewwel 6 xhur tal-2020.
- (11) L-ewwel eżawriment tal-kwota bin-numru tal-ordni 09.2872 indika li d-domanda għal dan il-prodott hija għolja ħafna u l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Unjoni mhijiex biżżejjed biex tkopri din id-domanda. Sabiex tittejjeb il-kapaċità kompetittiva tal-intrapriżi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-volum tal-kwota jiżdied b'effett retroattiv, biex ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (12) Filwaqt li jitqiesu l-emendi li jeħtieġ li jsiru u għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1388/2013 jiġi sostitwit.
- (13) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tal-kwoti tariffarji u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi<sup>4</sup>, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-kwoti tariffarji għall-prodotti kkonċernati jkollhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020 u, fir-rigward tal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2872, mill-1 ta' Jannar 2019. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 201).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KEE u 2000/21/KEE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> [ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.](#)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness, ir-ringiela li tikkorrispondi mal-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.2872 hija sostitwita b'dan li ġej:

“09.2872		eż 2833 29 80	40	Sulfat taċ-ċesju (CAS RN 10294-54-9) f'forma solida jew bħala soluzzjoni milwiema li fiha, skont il-piż, 48 % jew aktar sulfat taċ-ċesju iżda mhux iżjed minn 52 %	1.1.- 31.12.	200 tunnellata	0 %”;
----------	--	---------------	----	--	-----------------	-------------------	-------

(2) l-Anness jinbidel bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.

L-Artikoli 1(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

### 2. LINJI BAĠITARJI

Il-Kapitolu u l-Artikolu:

Il-Kapitolu 1 2 u l-Artikolu 1 2 0 - Dazji doganali u dazji oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom;

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2020 (EUR 22 156 900 000)

### 3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq, imma għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)

Linja baġitarja	Dħul <sup>1</sup>	Perjodu ta' 12 il-xahar li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena: 2020]
Artikolu 1 20	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2020	-13,2

L-Anness fih sitt prodotti ġodda. Id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għal dawn il-kwoti tariffarji, ikkalkulati abbażi tat-tbassir tal-Istat Membru li għamel it-talba għall-2020, jammontaw għal EUR 20 173 225 kull sena<sup>2</sup>.

It-tneħħija ta' tmien prodotti mill-Anness ta' dan ir-Regolament tirrifletti l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji doganali. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 3 709 895 kull sena fil-ġbir tad-dazji.

Abbażi ta' dak li għadu kemm issemma', l-impatt fuq it-telf ta' dħul għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat li se jkun ta' EUR 20 173 225 – 3 709 895 = EUR 16 463 330 miljun (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) x 0,8 = EUR 13 170 664 miljun kull sena (ammont nett).

<sup>1</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti nett (jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir).

<sup>2</sup> Il-volumi tal-kwota proposti ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tal-UE28 u għandhom jiġu adattati malajr, kif xieraq wara t-tluq tar-Renju Unit.

#### 4. **MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Se jsiru kontrolli fuq l-użu aħħari ta' wħud mill-prodotti koperti b'dan ir-Regolament tal-Kunsill skont l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.